MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 10 – 4 Leġiżlatura**

**Il-Ħamis 15 ta’ Settembru 2022**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv fi 28 Ċentru Parrokkjali, Triq San Edwardu, Ħal Qormi, u b’mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Deputat President/Sindku Gudja | Is-Sa Marija Sara Vella |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |
| Kunsillier Marsaskala | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Sindku Żejtun | Is-Sa Doris Abela |
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Maria Magri |

| | |
|---|---|
| Viċi Sindku Santa Luċija | Is-Sur Frederick Cutajar |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku Marsa | Is-Sur Josef Azzopardi |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Stephen Sultana |
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 10.1 Qari tal-Ittri ta’ Apoloġiji;

10.1.1 Il-President qara ittri ta’ apoloġija mibgħuta mis-Sindki tal-Ħamrun u ta’ Santa Venera fejn taw ir-raġuni għalhiex ma setgħux jattendu.

10.1.2 Il-Membri preżenti approvaw l-apoloġiji b’mod unanimu.

## 10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

10.2.1 Il-President ressaq il-Minuti tad-disa’ (09) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġiżlatura, li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant, ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

10.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Josef Masini Vento u ssekondata mis-Sur Steven Grech, il-Membri Kunsill Reġjonali approvaw b’mod unanimu l-Minuti msemmija.

## 10.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Reġjun Kulturali 2023**

10.3.1 Il-President ħabbar li wara laqgħa li ssejħet bejn id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, il-Kunsill Malti għall-Arti u l-Kunsilli Reġjonali ġie żvelat li mis-sena li ġejja mhux se jibqa' jingħata titlu lill-belt kulturali imma se jibda jkollna reġjun kulturali. Kull reġjun f'Malta u Għawdex se jkun qed jingħata dan iċ-ċans bis-sena 2023 tmiss lir-Reġjun tan-Nofsinhar. Il-President qal li fit-23 ta' Settembru se tissejjaħ konferenza stampa u se jkun qed jiġi ffirmat il-ftehim bejn il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar u d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

10.3.2 Il-President qal li matul is-sena li ġejja se nkunu qed inħallu impatt billi nsaħħu l-kultura u l-arti li għandna madwarna. Se nkunu qed ngħaqqdu l-komunitajiet u nsaħħu d-diversità u l-inklużjoni soċjali permezz ta' attivitajiet li jinvolvu l-kultura u l-arti. Irridu ntellgħu attivitajiet fuq livell professjonali u għal dan il-għan se nkunu qed naħdmu mad-direttur artistiku li ħadem magħna l-istrateġija kulturali tar-reġjun. Għaldaqstant qed jintalbu proposti għal attivitajiet u inizjattivi minn Kunsilli Lokali u għaqdiet non-governattivi li għandhom rabtiet kulturali sabiex jiġu evalwati minn bord li se jitwaqqaf għal dan il-għan.

10.3.3 Il-President ħabbar ukoll li immedjatament wara l-konferenza stampa se tiġi ppubblikata espressjoni ta' interess għal żvilupp ta' logo uffiċjali u identità viżwali għar-Reġjun Kulturali 2023.

**- Proġett tal-Bini Amministrattiv**

10.3.4 Il-President qal li x-xogħol mill-ħaddiema tal-manutenzjoni fil-bini amministrattiv jinsab għaddej kif ippjanat. L-iżvilupp tad-dokumenti tat-tender għax-xogħol li hemm bżonn isir mill-kuntratturi jinsabu fil-fażi finali u ninsabu għaddejjin f'diskussjonijiet mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali qabel ma jiġu ppubblikati s-sejħiet.

**- Sejħa għall-Ġbir tal-Iskart Domestiku**

10.3.5 Il-President semma' kif it-tender għall-ġbir tal-iskart domestiku fir-Reġjun tan-Nofsinhar bdiet il-proċess tal-evalwazzjoni mill-bord.

**- Kaleici Old Town Festival**

10.3.6 Il-President irrefera għall-parteċipazzjoni tal-Kunsill Reġjonali f'dan il-festival li se jkun qed isir f'Ottubru li ġej, u qal li saru l-preparamenti kollha għall-vjaġġi u l-akkomodazzjoni. Hu qal li jinsab ħerqan li jsiru aktar kuntatti u jinqasmu ideat ma' oħrajn fuq kulturi u użanzi f'pajjiżi differenti.

**- Żjara f'Evora**

10.3.7 Il-President qal li wara li ġie finalizzat il-programm, issa kollox jinsab lest għal din iż-żjara. Hu jinsab fiduċjuż li anke din iż-żjara se tħalli l-frott tagħha u se tkun qed tiftaħ aktar bibien għal aktar ħidma mill-qrib ma' dan il-muniċipju.

**- Studju u Rapport tal-Evalwazzjoni tal-Qasam Soċjali**

10.3.8 Il-President qal li l-proċess biex tiġi ppubblikata sejħa waħda li tkopri numru ta' Kunsilli Reġjonali flimkien għall-istudju u rapport tal-evalwazzjoni tal-qasam soċjali fil-lokalitajiet u r-reġjuni qed jieħu wisq fit-tul u mhux se jkun qed jinżamm maż-żmien skont il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar. Hu talab lill-Membri biex jiddiskutu x'hemm bżonn isir.

10.3.9 Il-Membri ddiskutew dan is-suġġett u ddeċidew li l-Kunsill Reġjonali ma jibqax inkluż fil-ftehim ma' Kunsilli Reġjonali oħra fis-sejħa għal dan l-istudju. Għaldaqstant talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex jinforma lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u lill-Kunsilli Reġjonali l-oħra b'din id-deċiżjoni. Il-Kunsill Reġjonali se jkun qed jesplora modi kif jista' jsir dan l-istudju bl-aktar mod xjentifiku, kredibbli u effettiv.

## 10.4 Skeda ta' Pagamenti;

10.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 09/22A u 09/22B li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

10.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sa Doris Abela u ssekondata mis-Sur Charlot Mifsud, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

## 10.5 Tender għal Servizz ta' Konsulent Legali;

10.5.1 Il-President ressaq ir-rapport tal-evalwazzjoni wara li l-bord temm il-proċess tal-evalwazzjoni ta' din it-tender. Hu qal li l-bord qed jirrakkomanda li tiġi magħżula l-orħos offerta mill-ħames offerti li kienu eliġibbli skont il-kriterji mitluba u għaddew mill-istadji kollha tal-proċess. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

10.5.2 L-approvazzjoni għaddiet bi tmien voti favur. Ħadd ma vvota kontra imma s-Sa Marija Sara Vella u s-Sur Frederick Cutajar astjenew.

## 10.6 Tender għal Servizz ta' Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data;

10.6.1 Il-President ressaq ir-rapport tal-evalwazzjoni wara li l-bord temm il-proċess tal-evalwazzjoni ta' din it-tender. Hu qal li l-bord qed jirrakkomanda li tiġi magħżula l-orħos offerta miż-żewġ offerti li kienu eliġibbli skont il-kriterji mitluba u għaddew mill-istadji kollha tal-proċess. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

10.6.2 Il-Membri approvaw id-deċiżjoni tal-bord tal-evalwazzjoni b'mod unanimu.

## 10.7 Management Letter and Reply;

10.7.1 Il-President ressaq il-Management Letter li ntbagħtet mill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali wara li ġew sottomessi l-Audited Financial Statements 2021. Hu ta spjega tagħha u qal li

għalkemm l-Awditur Ġenerali talab xi suġġerimenti minimi, b'mod ġenerali, il-Kunsill Reġjonali kien korrett u nstab konformi mal-proċeduri u r-regolamenti kollha stabbiliti.

10.7.2 Il-President ressaq ukoll il-Management Letter Reply imħejjija mis-Segretarju Eżekuttiv u l-accountant tal-Kunsill Reġjonali. Hu ta spjega tad-dokument u qal li l-fatt li r-rapporti finanzjarji nstabu li kienu korretti juri s-serjetà li biha jaħdem il-Kunsill. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri qabel id-dokument jintbagħat lill-Awditur Ġenerali.

10.7.3 Il-Membri preżenti approvaw il-Management Letter Reply b'mod unanimu.

## 10.8 Laqgħa Ġenerali Annwali;

10.8.1 Il-President qali li issa wara li ntemm il-proċess tal-awditjar tal-Kunsill Reġjonali, hemm bżonn li ssir il-Laqgħa Ġenerali Annwali. Hu talab lill-Membri sabiex jiddiskutu d-data u l-organizzar tal-laqgħa.

10.8.2 Wara li ddiskutew din it-tema, il-Membri preżenti qablu li l-Laqgħa Ġenerali Annwali ssir fis-26 ta' Settembru 2022 fl-Uffiċċju Parrokkjali San Sebastjan, Ħal Qormi.

## 10.9 Konsultazzjoni għall-Istrateġija tal-Gvern Lokali;

10.9.1 Il-President ressaq id-dokument ta' konsultazzjoni għall-Istrateġija tal-Gvern Lokali li ntbagħat minn qabel lill-Membri u għaldaqstant ġie kkunsidrat bħala moqri. Hu ta spjega tad-dokument u tal-erba' pilastri li fuqha hi mibnija l-istrateġija. Il-President qal li fis-16 ta' Novembru 2022 se tissejjaħ laqgħa għall-Membri tal-Kunsilli Lokali u s-Segretarji Eżekuttivi tar-Reġjun tan-Nofsinhar u r-Reġjun tal-Port. Dawk li jixtiequ jattendu u dawk li jixtiequ jagħmlu intervent huma mistiedna jinfurmaw lill-Kunsill Lokali tagħhom, kif ukoll lill-Kunsill Reġjonali.

## 10.10 Affarijiet Oħra;

**- Skema Nsaħħu s-Settur Kulturali u Artistiku 2022**

10.10.1 Il-President qal li s'issa ġew mibgħuta proposti għall-parteċipazzjoni f'din l-iskema mill-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk, il-Ħamrun u l-Gudja. Hu ħeġġeġ lil dawk li għadhom ma bagħtux il-proposti tagħhom ħalli jibagħtuhom mill-aktar fis għax il-proposti jridu jiġu evalwati minn bord qabel jiġu approvati.

## 10.11 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

10.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19.12 u ġiet aġġornata għall-Ħamis 06 ta' Ottubru 2022 fil-5.30 pm.

Konfermati llum _____________________.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | Philip Carabott |
| President | Segretarju Eżekuttiv |